A.L. 2 ta' l-2008

ATT DWAR IL-ĦARSIEN TA' L-AMBJENT (KAP. 435)

Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħrug fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikoli 9 u 10 ta' l-Att dwar il-Ħarsien ta' l-Ambjent, il-Ministru għall-Affarijiet Rurali u l-Ambjent għamel dawn ir-regolamenti li ġejjin:-

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti huwa r-Regolamenti ta' l-2008 li jemendaw ir-Regolamenti dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-2002 dwar il-Limitazzjonijiet ta' Ħruġ fl-Arja ta' xi Sustanzi li Jniġġsu minn Impjanti Kbar tal-Kombustjoni, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 329 ta' l-2002.

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

2. Ir-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:-

(a) minflok is-subregolament (2), għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Impjanti li joperaw permezz ta' makni tat-tip *diesel*, petrol u gass irrispettivament mill-karburanti użat, m'humiex koperti minn dawn ir-regolamenti."; u

(b) minnufih wara s-subregolament (2) għandu jidħol dan is-subregolament ġdid li ġej:–

"(3) Meta żewġ impjanti ġodda separati, jew aktar, huma installati b'tali mod li, filwaqt li jittieħdu in konsiderazzjoni fatturi tekniċi u ekonomiċi, il-gassijiet mormija minnhom jistgħu, skond ma jkun jidher lill-awtoritajiet kompetenti, jinħarġu minn ċumnija komuni, il-kombinazzjoni ffurmata minn dawk l-impjanti għandha tkun meqjusa bħala apparat uniku."